**KUNSILL LOKALI HAŻ-ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 33– 18 ta' April 2017**

***Minuti tal-33 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar it-Tlieta, 18 ta' April, 2017 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tieghu fi Triq Frans Sammut fis-6:00 ta' filghaxija sabiex issir Agenda Numru 33. Il-laqgha bdiet fis-6:05 pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Vernalise Scicluna** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apologija:** | **Alfred Grixti** | Vici-Sindku |
| **Assenti :** | **Hadd** | |
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |
| **Ufficċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

### 33.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

Is-Segretarju Ezekuttiv qrat e-mail li ntbaghtet mill-Vici-Sindku Alfred Grixti, fejn kien qed jghid li ma jistax jkun prezenti ghal dik il-laqgha habba ragunijiet ta’ xoghol. Din l-apologija giet accettata mill-Kunsilliera prezenti.

Il-Kunsillier Roderick Aquilina informa lill-Kunsill li jiskuzah ghall-fatt li ma kienx prezenti l-ahhar darba, minhabba ragunijiet li ma kellux kontroll fuqhom.

### 33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Sindku Sarah Agius resqet il-minuti tal-ahhar laqgha ghall-approvazzjoni. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Philip Said. Il-membri kollha tal-Kunsill kienu favur apparti l-Kunsillier Roderick Aquilina li astjena minhabba li ma kienux prezenti (131). Il-minuti gew approvati.

Il-Kunsillier Roderick Aquilina wera l-apprezzament tieghu kemm lejn il-Vici-Sindku Alfred Grixti u anke lejn il-Kunsillier Philip Said minhabba li fil-laqgha precedenti meta kien ser jittiehed vot dwar il-kuntratt ta WM Environmental, iz-zewg nahat qablu li tali decizjoni tittiehed meta il-Kunsillier Aquilina jkun prezenti .

### 33.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

33.3.1 Is-Sindku Sarah gabet ghall-attenzjoni ittra mibghuta mill-Avukati ta’ WM Environmental fejn dawn qed jitolbu hlasijiet ta’ pendenzi fosthom ta’ kontijiet li l-kunsill kien qed jastjeni minnhom.

Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li kienet ghaddiet lista bix-xogholijiet fis-soft areas kollha li kellhom isiru sal-ahhar ta' Marzu 2017 lill-WM Environmental, liema xogholijiet tlestew minn meta ntbaghtet l-email fil-bidu ta' Mazu saz-zmien stipulat.

33.3.2 Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li dik il-bicca art fi Triq il-Buskett li saret talba sabiex titnaddaf, hija proprjeta tal-Gvern. Gie maqbul unanimament li jigi kkomunikat ma' dawk li huma nteressati, sabiex japplikaw huma ghad-devoluzzjoni minghand il-Lands.

33.3.3 Dwar il-bozza fi Triq il-Vittmi tal-Gwerra, il-Kunsill qabel li lest li jhallas l-ispejjez sabiex il-bozza tehel direttament mal-hajt tal-binja, imma jekk is-sid ma jkunx kuntent b'dan u jkun irid li jsir arblu dan, ghandu jaghmel tajjeb ghalih is-sid.

33.3.4 Is-Sindku Sarah Agius pproponiet li l-ghaqdiet ta' Haz-Zebbug jigu taht ir-responsabilita tal-Kunsillier Clive Azzopardi. Il-Kunsillier Vernalise Scicluna qalet li minkejja diversi drabi hassitha skomda meta giet insulentata, hija qatt ma hadmet kontra xi nteress ta' xi kazin. Hija qatt ma halliet dawn il-kummenti negattivi jinfluwenzawha. Id-doveri taghha bhala kunsilliera dejjem ghamliethom.

33.3.5 Is-Sindku qalet li kienet iltaqghet ma' raprezentanti tar-residenti li hemm fiz-zona l-gdida ta' Hal Mula, fejn dawn qed jitolbu li ssir skip. Il-Kunsill qabel unanimament sabiex li dan l-iskip ma jitpoggiex fit-triq izda jekk ir-residenti jaqblu dan jitpogga fil-passagg privat u jkun imsakkar.

33.3.6 Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat lill-Kunsill li l-KNPD kienet qed titlob spjegazzjoni ghaliex certu armar tal-Gimgha l-Kbira li kien sar, kien qed jostakola l-accessibilita. Il-Kunsill qabel unanimament li tintalab laqgha mal-KNPD, li ghaliha jkunu jistghu jattendu rapprezentanti tat-3 kazini sabiex jigi diskuss l-armar tal-festa.

**33.4 Gnien l-Infetti**

Gietipprezentata l-pjanta dwar kif hu mahsub li jsir Gnien l-Infetti. Gie ssuggerit li l-bandli ghat-tfal jizdiedu, filwaqt li jonqos l-apparat tal-outdoor gym. Kien hemm qbil ukoll li jizdiedu s-sigar sabiex jinholoq aktar dell.

Il-Kunsillier Bongailas emfasizza li m'ghandux jinqabez il-budget ta' Euro100,000 u ghalhekk huwa importanti hafna li jkollna BOQ ta' dan il-progett.

**33.5 Festa 2017**

Il-Kunsill qabel unanimament li jerga jzomm l-istess kundizzjonijiet li nzammu fl-ahhar festa, jigifieri li jekk hanut irid jarma fiz-zona tal-gar tieghu, dan ghandu jgib il-kunsens bil-miktub minghandu.

Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li kienet qed issir talba mill-Kazin Banda 12th May sabiex isiru xi toqob godda ghall-irdieden.

Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li jinghataw permessi ghall-toqob godda:

1. Diment li l-armar ikun jista jsir xorta wahda u ma jkunx qed jigi pperikolat,
2. Isiru spejjez tal-kazin u jsiru minn kuntrattur approvat minn TM,
3. Jistghu jintuzaw minn kulhadd.

**33.6 Tenders**

Il-Kunsilliera Kevin Glynn u Vernalise Scicluna telqu mil-laqgha tal-kunsill fid-8:00pm.

Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsilliera prezenti li l-Bord tal-Aggudikazzjoni kien wasal ghar-rakkomandazzjonijiet tieghu dwar it-tlett kuntratti tal-knis li kienu gew miftuha f'Ottubru 2016.

Is-Segretarju spjegat li l-bord iltaqa ghal diversi sieghat sabiex jiddiskuti u anke sabiex jkun jista jivvota bis-sistema l-gdida tal-epps. Is-Segretarju prezentat ukoll rapport li gie ggenerat mis-sistema tal-e-tenders u tat spjegazzjoni ta' dak li kien mitlub mill-Kunsill Lokali.

Wara diskussjoni, is-Sindku Sarah Agius pproponiet li l-Kunsill japprova ir-rapport prezentat mill-Bord tal-Aggudikazzjoni u ghalhekk jintaghzel il-Kuntrattur li gie rrakomandat. Il-Kunsillier Roderick Aquilina issekonda din il-mozzjoni. Kien hemm qbil unanimu.

**33.7 Local Plan Review Hal Mula**

Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill bl-ezitu tal-laqghat li kien hemm dwar il-Local Plan Review Hal Mula. Ser ikun hemm kumitat maghmul minn rapprezentant ta' kull entita involuta inkluz tal-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug

**33.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Pagamenti**

Wara li saret diskussjoni, l-Kunsill qabel unanimament, fuq proposta tas-Sindku Sarah Agius li giet sekondata mill-Kunsillier Roderick Aquilina, li m'ghandux isir hlas lil WM Environmental ghax- xhur ta' Novembru 2016, Dicembru 2016, Jannar 2017 u Frar 2017. Dan ghaliex dan il-kuntrattur ripetutament ma kienx qed jaghmel xogholu u ghalhekk ma kienx xieraq li jithallas ta' xoghol li mhux qed isir. Dan minkejja li kienet tingibdlu l-attenzjoni ripetutament.Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li fil-bidu ta' Marzu hija kienet ghaddietlu lista tax-xogholijiet kollha li kellhom isiru, u li filfatt saru kif mitlub. Il-Kunsill qal unanimament li WM Environmental ghandhom jithallsu biss ta' Marzu 2017 ghar-raguni li kien f'dak ix-xahar huwa qeghda dmirijietu. Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li l-ahjar jintalab parir minghand avukat sabiex il-Kunsill jara jekk il-fatt li l-pagamenti ta' Novembru 2016, Dicembru 2016, Jannar 2017 u Frar 2017 ma gewx approvati, jinholoqx xi tip ta' precedent fuq Marzu 2017.

Il-Kunsillier Roderick Aquilina ikkumenta pozittiv dwar il-kuntrattur responsabbli mill-Bulky Collection. Il-kunsillier Chris Bongailas astjena mil-vot favur Mario Cachia Ghall-kumplament tal-vot tal-flus kien hemm qbil unanimu.

**<u>33.9 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera</u>**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**<u>33.10 Tmiem tal-Laqgha u Data tas-Seduta li jmiss</u>**

Il-laqgha spiccat fit-8:35pm. Il-laqgha giet aggornata ghas-17 ta' Mejju 2017.

**Sarah Agius**

**Sindku**

**Paula M. Valletta**

**Segretarju Ezekuttiv**